Deskrizzjoni tad-Direttivi koperti mill-konsultazzjoni pubblika

L-isfera B2B

Id-Direttiva dwar ir-Reklamar Qarrieqi u Komparattiv: tipprojbixxi r-reklamar qarrieqi fil-B2B u tirregola r-reklamar komparattiv

Tranżazzjoni minn negozji għal konsumaturi

Promozzjoni, Kummerċjalizzazzjoni → **Konklużjoni tal-Kuntratt** → **Eżekuzzjoni tal-kuntratt**

Id-Direttiva dwar il-Prattiċi Kummerċjali Żleali: tipprojbixxi prattiki kummerċjali qarrieqa u aggressivi minn kummerċjanti matul id-durata kollha ta' tranżazzjoni min negozji għal konsumaturi, id-dħul fil-kuntratt u l-eżekuzzjoni tal-kuntratt

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur: tkopri informazzjoni prekuntrattwali u ċerti aspetti ta' relazzjonijiet wara l-kuntratt (konferma tal-kuntratt, id-dritt tal-irtirar, il-konsenja u t-trasferiment tar-riskji.)

Id-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti: tipprojbixxi termini standard inġusti fil-kuntratti

Id-Direttiva dwar il-Bejgħ u l-Garanziji: tistipula d-drittijiet f'każijiet ta' prodotti difettużi

Id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet: teħtieġ indikazzjoni tal-prezz tal-bejgħ u tal-prezz tal-unità, inkluż fir-reklamar

Id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet: tipprovdi mekkaniżmu għal infurzar tar-regoli tal-protezzjoni tal-konsumatur f'każijiet ta' ksur mill-kummerċjanti fi kwalunkwe stadju ta' tranżazzjoni minn negozji għal konsumaturi

Id-Direttiva dwar ir-Reklamar Qarrieqi u Komparattiv (DRQK)

Id-DRQK tipprovdi standard legali minimu ta' **protezzjoni lin-negozji kontra kummerċjalizzazzjoni qarrieqa.** L-Istati Membri jistgħu jipprovdu fil-liġi nazzjonali tagħhom għal regoli aktar stretti biex jipproteġu n-negozji f'dan il-qasam. Id-DRQK tistabbilixxi wkoll regoli uniformi kompletament armonizzati dwar reklamar komparattiv, jiġifieri fuq dawn il-kwistjonijiet, l-Istati Membri ma jistgħux jadottaw regoli iktar protettivi minn dawk previsti fid-Direttiva.

Għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/unfair-trade/false-advertising/index_en.htm

Id-Direttiva dwar il-Prattiki Kummerċjali Żleali (UCPD)

Il-UCPD tapplika għal tranżazzjonijiet minn negozji għal konsumaturi (B2C). Din tapplika għal **prattiċi kummerċjali kollha, qabel, matul u wara t-tranżazzjoni,** inkluż fl-ambjent onlajn, u għall-prodotti kollha, inklużi dawk diġitali. Hija tipprovdi għal armonizzazzjoni sħiħa fil-leġiżlazzjoni tal-Istati Membri li tħares lill-konsumaturi kontra prattiki kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi, ħlief fl-oqsma tas-servizzi finanzjarji u tal-proprjetà immobbli.

Id-Direttiva tħares lill-konsumaturi kontra prattiki kummerċjali inġusti tan-negozjanti billi:

- Tipprovdi, fl-Anness I tagħha, lista sewda ta' 31 prattika kummerċjali speċifika pprojbita fiċ-ċirkostanzi kollha;
- Tipprojbixxi l-prattiki kummerċjali li huma meqjusa bħala qarrieqa jew aggressivi;
- Tipprojbixxi l-prattiki kummerċjali inġusti li jmorru kontra r-rekwiżiti tad-diligenza professjonali.

Sabiex tikkwalifika bħala qarrieqa, aggressiva jew kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diligenza professjonali, prattika kummerċjali trid tikkawża jew x'aktarx tikkawża li konsumatur medju jieħu deċiżjoni tranżazzjonali li ma kienx jieħu f'ċirkostanzi oħra. Dan għandu jiġi vvalutat fuq bażi ta' każ b'każ mill-korpi nazzjonali kompetenti.

Il-UCDP titlob li l-kummerċjanti jipprovdu lill-konsumaturi bl-**informazzjoni** li jeħtieġu biex jieħdu deċiżjoni tranżazzjonali infurmata. Barra minn hekk, hija tipprovdi lista speċifika ta' rekwiżiti ta' informazzjoni għal "stedina biex tixtri" (għal aktar dettalji ara t-taqsima dwar "Rekwiżiti ta' informazzjoni għall-konsumaturi").

In-natura inġusta ta' prattika kummerċjali hija ivvalutata skont parametru referenzjarju ta' "**konsumatur medju**", li ġie żviluppat mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-UE. Waqt li jitqiesu fatturi soċjali, kulturali u lingwistiċi, il-konsumatur medju huwa "*infurmat biżżejjed u raġonevolment attent u prudenti*". Jekk prattika kummerċjali hija mmirata lejn grupp partikolari ta'

konsumaturi, il-membru medju ta' dan il-grupp ikun il-parametru referenzjarju. Id-Direttiva tipprovdi wkoll protezzjoni speċifika għal ċerti gruppi ta' konsumaturi definiti bħala partikolarment **vulnerabbli**.

Għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/unfair-trade/index_en.htm

Id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (CRD)

Il-CRD tapplika għal tranżazzjonijiet minn negozji għal konsumaturi (B2C). L-ewwel nett, il-CRD tistipula **rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali** dettaljati. Dawn huma kompletament armonizzati għal kuntratti mill-bogħod u mhux fuq il-post, filwaqt li r-rekwiżiti għal bejgħ fuq il-post (bejgħ minn ħwienet tradizzjonali) huma ta' natura minima (ara t-taqsima li jmiss dwar "Ir-rekwiżiti għall-informazzjoni tal-konsumatur" għal aktar dettalji).

Barra minn hekk, il-CRD tistipula serje ta' rekwiżiti armonizzati bis-sħiħ għall-**konklużjoni u l-konferma ta' kuntratti mill-bogħod u lil hinn mill-post tan-negozju.** B'mod partikolari, hija tirregola d-dritt tal-konsumatur li jirtira kuntratti mill-bogħod u mhux fuq il-post tan-negozju" (kuntratti li ma jiġux konklużi fuq il-post tan-negozju). Il-perjodu li matulu l-konsumaturi jkunu jistgħu jerġgħu lura minn kuntratt mill-bogħod jew mhux fuq il-post tan-negozju huwa ta' 14-il jum kalendarju mill-konsenja ta' prodott jew mill-konklużjoni ta' kuntratt ta' servizz. Il-kummerċjanti għandhom, fi żmien 14-il jum mir-rifjut, jirrimborsaw il-pagamenti tal-konsumatur kollha rċevuti. Dan jinkludi l-kostijiet tal-konsenja. Il-kummerċjanti jistgħu jżommu r-rimborż biss sal-mument li jirċievu l-merkanzija lura, jew sa meta l-konsumatur ikun ipprovda evidenza li bagħat lura l-prodotti. Dwar kuntratti għall-forniment onlajn ta' kontenut diġitali, eż. it-tniżżil ta' softwer, jew streaming ta' film, fejn il-kontenut huwa pprovdut immedjatament, is-CRD tirrikjedi li n-negozjanti jitolbu l-kunsens minn qabel tal-konsumatur biex jibdew l-eżekuzzjoni u l-konferma li huwa/hija j/titlef id-dritt ta' rtirar meta tibda l-eżekuzzjoni (jiġifieri t-tniżżil, jew l-istreaming tal-kontenut).

Is-CRD tistabbilixxi wkoll regoli dwar **il-konsenja ta' prodotti u tat-trasferiment ta' riskju.** Il-kummerċjanti għandhom iwasslu l-prodotti fi żmien 30 ġurnata minn meta jikkonkludu l-kuntratt jekk mhux miftiehem mod ieħor. B'mod ġenerali, il-kummerċjant iġorr ir-riskju għal xi ħsara li tista' ssir lill-prodotti waqt it-trasport, sal-mument li fih il-konsumatur jieħu f'idejh il-prodotti.

Is-CRD tillimita kwalunkwe spiża addizzjonali imposta fuq il-konsumatur għall-**użu ta' mezz ta' ħlas.** Din tipprojbixxi l-użu ta' konfigurazzjonijiet prestabbiliti ("kaxex immarkati minn qabel") biex jinżamm **ħlas addizzjonali** mingħajr il-kunsens espress tal-konsumatur. Dan jillimita wkoll l-ispejjeż **ta' komunikazzjonijiet bit-telefon** ma' negozjant dwar il-kuntratt konkluż. F'każijiet bħal dawn, il-konsumatur ma jistax ikun obbligat li jħallas aktar mir-rata bażika tat-telefon.

Għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/rights-contracts/directive/index_en.htm

Rekwiżiti tal-informazzjoni għall-konsumaturi

Ir-rekwiżiti għall-informazzjoni għall-konsumaturi huma stabbiliti fid-Direttiva dwar il-Prattiċi Kummerċjali Żleali (UCPD), id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet (PID) u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (CRD).

Il-UCDP titlob li l-kummerċjanti jipprovdu lill-konsumaturi bl-**informazzjoni li jeħtieġu biex jieħdu deċiżjoni tranżazzjonali infurmata.** Barra minn hekk, kull darba li l-komunikazzjoni kummerċjali tkun tinkludi deskrizzjoni ta' prodott u l-prezz tiegħu, pereżempju f'reklam, il-kummerċjant ikun meħtieġ speċifikament li jipprovdi informazzjoni, soġġetta għal-limitazzjonijiet tal-mezz ta' komunikazzjoni użat, dwar:

- Il-karatteristiċi prinċipali tal-prodott,
- l-identità u l-indirizz tal-kummerċjant,
- il-prezz sħiħ,
- l-eżistenza tad-dritt tal-irtirar (fejn applikabbli),
- l-arranġamenti għall-ħlas, il-konsenja, l-eżekuzzjoni u l-prassi tal-ġestjoni tal-ilmenti (jekk dawn l-arranġamenti jitbiegħdu mir-rekwiżiti tad-diligenza professjonali).

Fl-**istadju prekuntrattwali ta' tranżazzjoni**, eż. meta l-konsumatur jidħol f'ħanut tradizzjonali jew jara d-deskrizzjonijiet tal-prodott f'ħanut onlajn, il-kummerċjanti għandhom jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont il-CRD. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni prekuntrattwali huma iktar komprensivi u jinkludu r-rekwiżiti tal-informazzjoni kollha msemmija hawn fuq skont l-UCPD. Pereżempju, il-CRD tipprovdi rekwiżiti dettaljati ta' informazzjoni dwar id-dritt tal-irtirar mill-kuntratti mill-bogħod u mhux fuq il-post u dwar il-funzjonalità u l-interoperabbiltà tal-kontenut diġitali.

Id-Direttiva dwar l-Indikazzjoni tal-Prezzijiet (PID) tobbliga lill-kummerċjanti biex jindikaw il-**prezz tal-bejgħ** u l-**prezz għal kull unità** ta' kejl ta' prodotti offruti lill-konsumaturi, kemm fl-istadju tal-kummerċjalizzazzjoni kif ukoll f'dak prekuntrattwali. L-għan ta' din id-Direttiva huwa li ttejjeb l-informazzjoni lill-konsumatur u tiffaċilita l-paragun tal-prezzijiet. Il-PID tipprevedi regoli minimi u tinkludi wkoll għażliet regolatorji għall-Istati Membri li jidderogaw mir-rekwiżiti tagħha, b'mod partikolari l-possibbiltà li n-negozji ż-żgħar ikunu eżentati mill-obbligu li jindikaw il-prezz ta' unità.

Ir-rekwiżiti addizzjonali għall-informazzjoni tal-konsumatur huma stabbiliti fid-**Direttiva dwar il-kummerċ elettroniku** u fid-**Direttiva dwar is-Servizzi.** Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni jikkoinċidu parzjalment ma' dawk taħt il-CRD u l-UCPD, imma jinkludu wkoll diversi elementi addizzjonali (eż. informazzjoni dwar in-numru tan-negozjant f'reġistru kummerċjali jew reġistru pubbliku ieħor, numru tal-VAT, korpi professjonali rilevanti, miżuri meħuda mill-kummerċjant biex jevita l-kunflitti ta' interess u l-awtoritajiet superviżorji rilevanti.)

Barra minn hekk, huma stabbiliti għadd kbir ta' rekwiżiti ta' informazzjoni speċifiċi fil-**leġiżlazzjoni settorjali tal-UE**, pereżempju, fil-komunikazzjoni elettronika, it-trasport tal-passiġġieri, l-enerġija, l-ambjent u s-servizzi finanzjarji għall-konsumatur.

Id-Direttiva dwar Klawżoli Kuntrattwali Inġusti (UCTD)

Il-UCTD tapplika għal tranżazzjonijiet minn negozji għal konsumaturi (B2C). Il-UCTD tħares lill-konsumaturi kontra l-użu minn kummerċjanti ta' klawżoli kuntrattwali standard (mhux innegozjati individwalment) li, minkejja r-rekwiżit ta' *bona fide*, joħolqu żbilanċ sinifikanti bejn id-drittijiet u l-obbligi tal-partijiet għad-detriment tal-konsumatur (**klawżola ta' (in)ekwità ġenerali**). Termini inġusti bħal dawn ma jorbtux il-konsumatur iżda l-kuntratt ikompli jeżisti jekk dan ikun kapaċi jeżisti mingħajr it-termini inġusti.

Barra minn hekk, id-Direttiva teħtieġ klawżoli kuntrattwali bil-miktub li għandhom jiġu abbozzati b'**lingwa sempliċi u li tinftiehem.** Il-klawżoli kuntrattwali li s-sinifikat tagħhom mhuwiex ċar għandhom jiġu interpretati b'mod favorevoli kemm jista' jkun għall-konsumaturi, u l-klawżoli kuntrattwali li ma jkunux trasparenti u li ma jippermettux lill-konsumaturi jifhmu d-drittijiet u l-obbligi tagħhom skont il-kuntratt, jistgħu jitqiesu bħala inġusti.

Il-UCTD tapplika kemm għall-ambjenti onlajn kif ukoll għal dawk offlajn, u għall-prodotti kollha, inkluż għall-kontenut diġitali. Din fiha **lista indikattiva u mhux eżawrjenti ta' termini standard** li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala inġusti.

Il-UCTD hija strument ta' armonizzazzjoni minima u l-Istati Membri jistgħu, fil-leġislazzjoni nazzjonali tagħhom jipprevedu regoli aktar stretti ta' protezzjoni tal-konsumatur. Ħafna minnhom użaw din il-possibbiltà billi, pereżempju, introduċew "listi suwed" ta' kundizzjonijiet żleali (klawżoli kuntrattwali meqjusa bħala żleali fiċ-ċirkustanzi kollha) u/jew listi "griżi" ta' klawżoli kuntrattwali (klawżoli preżunti li huma żleali jekk ma jkunx hemm prova kuntrarja).

Għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/rights-contracts/unfair-contract/index_en.htm

Id-Direttiva dwar il-Bejgħ u l-Garanziji lill-Konsumatur (CSGD)

Il-CSGD tapplika għal tranżazzjonijiet minn negozji għal konsumaturi (B2C). Id-Direttiva tapplika għall-bejgħ ta' oġġetti tanġibbli, kemm ġodda kif ukoll użati, irrilevantement mill-kanal tal-bejgħ. Il-CSGD tistipula r-regoli dwar il-konformità tal-prodotti skont il-kuntratt. Hija tipprevedi li l-bejjiegħ huwa responsabbli għan-nuqqas ta' konformità (difetti) li jeżisti fil-mument tal-kunsinna u li jsir apparenti fi żmien **sentejn** minn kunsinna (jiġifieri fl-hekk imsejħa "**garanzija legali**").

Jekk id-difett jitfaċċa matul l-ewwel **sitt xhur** mill-konsenja huwa l-imprenditur li għandu jipprova li ma kienx jeżisti fil-mument tal-kunsinna (**l-inverżjoni tal-oneru tal-prova**).

Fejn il-bejjiegħ huwa responsabbli skont id-Direttiva, il-konsumatur għandu d-dritt għal **rimedji** bla ħlas - tiswija jew sostituzzjoni bħala rimedju tal-ewwel livell u tnaqqis fil-prezz jew tħassir tal-kuntratt bħala rimedji tat-tieni livell, jiġifieri hija tipprovdi għal ġerarkija ta' rimedji. Id-Direttiva għandha wkoll regoli biex ikun żgurat li l-konsumaturi jibbenefikaw minn kwalunkwe garanziji offerti volontarjament (l-hekk imsejħa "garanziji kummerċjali"), jiġifieri li huma vinkolanti fuq in-negozjant li joffrihom.

Id-Direttiva tinkludi għażliet għall-Istati Membri li jimponu obbligu fuq il-konsumaturi biex jinnotifikaw difett fi żmien xahrejn mid-data tal-iskoperta u biex inaqqsu l-perjodu ta' garanzija legali għal prodotti mixtrija użati għal sena.

Din hija Direttiva ta' armonizzazzjoni minima, li tippermetti lill-Istati Membri li jipprevedu miżuri aktar stretti ta' protezzjoni tal-konsumatur. Diversi Stati Membri użaw din il-possibbiltà, pereżempju, billi introduċew regoli iktar favorevoli għall-konsumaturi rigward it-tul ta' perjodu ta' garanzija legali jew il-perjodu estiż ta' inverżjoni tal-oneru tal-prova.

Il-Kummissjoni dan l-aħħar ipproponiet **li tissostitwixxi l-CSGD, fir-rigward tal-bejgħ onlajn u bejgħ ieħor mill-bogħod** (eż. bejgħ bit-telefown jew bejgħ bil-korrispondenza), permezz ta' Direttiva ġdida, li bħalissa qed tiġi nnegozjata mill-koleġiżlaturi tal-UE. Il-karatteristiċi ewlenin tal-proposta l-ġdida tal-Kummissjoni għal bejgħ onlajn u bejgħ ieħor mill-bogħod huma:

- armonizzazzjoni sħiħa (jiġifieri l-ebda possibbiltà li jiġu imposti rekwiżiti iktar b'saħħithom għall-protezzjoni tal-konsumatur);
- iż-żamma ta' perjodu ta' garanzija legali ta' sentejn;
- estensjoni tal-perjodu għall-inverżjoni tal-oneru tal-prova sa sentejn (jiġifieri matul il-perjodu kollu ta' garanzija legali jkun l-bejjiegħ li jrid jagħti prova li d-difett ma kienx jeżisti fil-ħin tat-twassil);
- iż-żamma ta' ġerarkija ta' rimedji, jiġifieri t-tiswija jew is-sostituzzjoni bħala rimedju tal-ewwel livell u tnaqqis fil-prezz jew tħassir tal-kuntratt (rifużjoni) bħala rimedji tat-tieni livell;

Filwaqt li rrikonoxxiet l-bżonn li taġixxi malajr dwar id-dimensjoni diġitali tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tieħu passi biex tallinja r-regoli dwar il-bejgħ mill-bogħod u dwar il-bejgħ wiċċ imb' wiċċ.

Għal iktar informazzjoni:

http://ec.europa.eu/consumers/consumer_rights/rights-contracts/sales-guarantee/index_en.htm

http://ec.europa.eu/justice/contract/digital-contract-rules/index_en.htm

L-Infurzar inklużi l-inġunzjonijiet

Id-**Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet** timponi l-obbligu fuq l-Istati Membri li jippermettu li entitajiet kwalifikati (organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u/jew korpi pubbliċi) li jressqu inġunzjoni quddiem qorti jew awtorità amministrattiva sabiex iwaqqfu att li jmur kontra l-liġijiet tal-konsumatur tal-UE (kif elenkati fl-Anness tad-Direttiva u kif traspost fil-liġi nazzjonali), li jagħmel ħsara lill-interessi kollettivi tal-konsumaturi. Għaldaqstant, id-Direttiva dwar l-Inġunzjonijiet tipprovi għal għodda ta' infurzar tad-drittijiet tal-konsumaturi mogħtija minn, fost l-oħrajn, id-Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali, id-Direttiva dwar il-Bejgħ u l-Garanziji, id-Direttiva dwar it-Termini Kuntrattwali Inġusti u d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur. Dan jiffaċilita wkoll l-użu tal-inġunzjonijiet f'kuntest transfruntier.

Id-**Direttiva dwar Prattiki Kummerċjali Żleali** tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm mezzi disponibbli biex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali biex tiġi nfurzata l-osservanza tad-dispożizzjonijiet tagħha. B'mod partikolari, id-Direttiva teħtieġ b'mod speċifiku l-possibbiltà li persuni jew organizzazzjonijiet jieħdu azzjoni legali (jiġifieri proċedimenti bil-qorti) kontra l-prattika kummerċjali jew li jressqu l-każ quddiem awtorità amministrattiva li jew hija kompetenti biex tiddeċiedi dwar ilmenti jew biex tibda proċedimenti legali. Madankollu, id-Direttiva ma tarmonizzax il-proċeduri msemmija hawn fuq.

Id-**Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur** tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi biex jiżguraw konformità ma' din id-Direttiva. Id-Direttiva tipprovdi għal rimedji individwali għall-konsumatur fejn il-kummerċjant jikser l-obbligi tiegħu, pereżempju, il-bejjiegħ onlajn għandu jbati l-ispejjeż tar-ritorn tal-prodotti fil-kuntest tad-dritt ta' rtirar meta jkun naqas milli jinforma lill-konsumatur dwar id-dmir tal-konsumatur li jħallas dawk l-ispejjeż. Fir-rigward ta' ksur ieħor tad-dispożizzjonijiet tagħha, id-Direttiva ma tinkludix regoli speċifiċi dwar rimedju individwali.

Id-**Direttiva dwar it-Termini Żleali tal-Kuntratt** (UCTD) tirrikjedi li l-Istati Membri jiżguraw li jkun hemm mezzi disponibbli biex jitwaqqaf l-użu ta' klawżoli kuntrattwali inġusti. Id-Direttiva tirrikjedi b'mod speċifiku li għandu jkun hemm il-possibilità għal persuni jew organizzazzjonijiet li jieħdu azzjoni quddiem il-qrati jew quddiem awtorità amministrattiva għal deċiżjoni dwar l-inġustizzja tat-termini kuntrattwali u l-impożizzjoni ta' mezzi biex jipprevjenu li jibqgħu jintużaw. Id-dettalji ta' dawn l-azzjonijiet madankollu mhumiex armonizzati b'din id-Direttiva. Ukoll, l-UCTD ma tinkludi l-ebda regola speċifika dwar il-proċedura ta' rimedju individwali, jiġifieri rimedju individwali għal konsumatur individwali. Dawn ir-regoli ta' proċedura huma previsti fil-liġijiet nazzjonali.

Għal iktar informazzjoni: http://ec.europa.eu/consumers/enforcement/injunctions/index_en.htm